TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

7

Avviż Numru CCT 137/18/F

**Roderick Armeni**

**vs**

**Travellers Malta Ltd.**

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Awwissu, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disgħa u ħamsin ewro, u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€59.95), rappreżentanti l-prezz ta' bagalja li wara li ntużat darbtejn, iż-żipp tqatta'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tal-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara bagalja għall-prezz ta' disgħa u ħamsin ewro, u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€59.95), illi wara li użha l-ewwel darba, tqatta' ż-żipp, pero' kien ġie riparat, iżda meta reġa' uża l-bagalja għat-tieni vjaġġ, reġa' tqatta' ż-żipp u dan *beyond repair* u għalhekk qiegħed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-ħsara saret tort tal-*mishandling* mill-ajruport jew inkella t-tort ta' l-istess rikorrenti.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija iktar kredibbli stante li bagalja m'għandhiex jinqata' ż-żipp wara l-ewwel jew it-tieni vjaġġ li tkun intużat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-bagalja tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888